

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: DISA Gas SAU

Konvenuti: Administración del Estado, Redexis Gas S.L. u Repsol Butano S.A.

Domandi preliminari

- 1) L-istabbiliment ta' prezz massimu għal ċilindru gass illikwidifikat u bbottiljat bħala miżura ta' protezzjoni tal-utenti soċjalment vulnerabbli huwa konformi mal-ġurisprudenza stabbilita fis-sentenza Federutility [sentenza tal-20 ta' April 2010, C-265/08] u mal-prinċipju ta' proporzjonalità jekk jimmaterjalizzaw, b'mod alternattiv jew b'mod konġunt, is-segwenti ċirkustanzi?
 - il-miżura tiġi adottata bħala miżura ġenerali għall-konsumaturi kollha u għal żmien indeterminat "meta l-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni u ta' kompetittività f'dan is-suq ma jitqisux suffiċjenti",
 - il-miżura ilha fis-seħħ għal iktar minn [1]8-il sena,
 - il-miżura tista' tikkontribwixxi sabiex tiġi ffriżata s-sitwazzjoni ta' kompetizzjoni dgħajfa billi tostakola d-dħul ta' operaturi ġodda.
- 2) L-impożizzjoni fuq l-operatur dominanti ta' żona territorjali partikolari tal-obbligu li jwassal fid-djar il-gass illikwidifikat u bbottiljat għal raġunijiet ta' protezzjoni tal-utenti soċjalment vulnerabbli jew li jgħixu f'żoni li huma diffiċilment aċċessibbli hija konformi mal-ġurisprudenza stabbilita fis-sentenza Federutility [sentenza tal-20 ta' April 2010, C-265/08] u mal-prinċipju ta' proporzjonalità meta jimmaterjalizzaw, b'mod alternattiv jew b'mod konġunt, iċ-ċirkustanzi msemmija fid-domanda preċedenti?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Högsta domstolen (l-Isvezja) fit-28 ta' Settembru 2017 – Riksåklagaren vs Imran Syed

(Kawża C-572/17)

(2017/C 412/26)

Lingwa tal-kawża: l-Isvediż

Qorti tar-rinviju

Högsta domstolen

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Riksåklagaren

Konvenut: Imran Syed

Domandi preliminari

- 1) Meta merkanzija li fuqha jitwaħħal disinn protett hija illegalment offruta għall-bejgħ f'ħanut, jista' jeżisti wkoll ksur tad-dritt esklużiv ta' distribuzzjoni tal-awtur previst fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2001/29⁽¹⁾ f'dak li jikkonċerna merkanzija li fuqha jidhru disinni identiċi, li tinżamm maħżuna mill-persuna li toffri l-merkanzija għall-bejgħ?
- 2) Huwa rilevanti jekk il-merkanzija tinżammx maħżuna f'post li huwa konness mal-ħanut jew f'post ieħor?

⁽¹⁾ Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230).